**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis 20 ta' Settembru 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 48/2015JVC**

**Frank Buttigieg u martu Carmen Buttigieg**

**vs**

**Paul Buttigieg u Joseph Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Illi nhar il-Gimgha 3 ta' Lulju 2015, waqt li kien qieghed f'Mgarr Terminal, limiti ta' Ghajnsielem, l-esponenti Frank Buttigieg gie aggredit ingustament u minghajr ebda raguni miz-zewg intimati.

2. Illi waqt dik l-aggressjoni wiehed mill-intimati, Joseph Buttigieg, inizjalment zamm lill-esponenti minn qaddu waqt li Paul Buttigieg beda

jaghtih daqqiet ta' ponn, u mbaghad l-aggressjoni kompliet billi Paul Buttigieg gidem lill-esponenti f'idu l-leminija, u iktar tard Joseph Buttigieg tah daqqiet b'cavetta fuq wiccu;

3. Illi dawn il-feriti li l-esponenti sofra per konsegwenza ta' din l-aggressjoni wassluh sabiex huwa jaghmel zmien rikoverat l-isptar u kwindi ma huwiex fi grad li jattendi ghax-xoghol tieghu; kif ukoll gabu sfregju fuq wicc l-esponenti kif ukoll ser ihallulu debilita' permanenti li jissarrfu f'lukri cessanti fit-termini tal-ligi;

4. Illi l-intimati huma responsabbli solidalment u in solidum bejniethom ghar-rizarciment tad-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza ta' dan l-incident;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati Paul u Joseph Buttigieg huma flimkien u solidalment bejniethom responsabbli ghar-rizarciment favur l-atturi tad-danni kollha li huma sofrew per konsegwenza tal-aggressjoni ngusta u minghajr raguni valida li huma wettqu ghad-dannu ta' Frank Buttigieg fit-3 ta' Lulju 2015 fl-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-istess incident billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawn id-danni emergenti u lukri cessanti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti li, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lill-atturi dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha kontra taghkom, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentat fl-istess ismijiet precedentement ghal din il-kawza, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom it-tnejn tinsabu ngunti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti illi eccepew:

1. Fl-ewwel lok, jidher mill-premessi fir-rikors guramentat illi r-rikorrenti Carmen Buttigieg (K.I. nru. 24401(L)) ma ghandha l-ebda nteress guridiku illi flimkien ma zewgha tressaq din l-azzjoni, stante illi mkien ma jigi mplikat illi hija kienet b'xi mod involuta fl-allegat incident u ghaldaqstant, it-talbiet migjuba certament li ma jistghux jintlaqghu fil-konfront taghha;

2. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni, u ghalhekk, it-talba taghhom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Fit-tielet lok, ghandu jirrizulta fis-smiegh ta' dan ir-rikors guramentat illi jekk ir-rikorrenti tassew sofrew xi danni, ma jistghux jitolbu rizarciment minghand l-intimati billi dawn id-danni kienu rizultat tal-agir illegali taghhom stess;

4. Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe danni li seta' b'xi mod sofrew ir-rikorrenti, f'kull kaz, ma jahtux ghalihom l-esponenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

5. Fil-hames lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta'dan ir-rikors guramentat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-htiega, u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-intimati, skont ic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, illi jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavits, xhieda, ritratti, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tal-4 ta' Mejju, 2018 il-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jittratta incident li sehh nhar it-3 ta' Lulju 2015 barra t-Terminal tal-Imgarr, Ghawdex fejn l-attur Frank Buttigieg isostni li nqalghet glieda fejn huwa sefa' aggredit mill-konvenuti Paul u Joseph Buttigieg permezz ta' daqqiet ta' ponn u gdim. Skont l-attur konsegwenza tal-incident huwa sofra debilita' permanenti wara li l-konvenut Paul Buttigieg taht daqqiet ta' ponn u gidmu f'idu l-leminja filwaqt li l-konvenut l-iehor Joseph Buttigieg tah daqqiet ta' cavetta. L-atturi jsostnu wkoll li sofrew danni finanzjarji minhabba li ghal certu zmien l-attur ma setax jattendi ghax-xoghol tieghu li jikkonsisti fil-garr ta' passiggieri bid-dghajsa bejn Ghawdex u Kemmuna u lura. Il-kawza odjerna giet intavolata ghoxrin guranta wara l-incident. Il-konvenuti fir-risposta taghhom jichdu li l-attur Frank Buttigieg u martu l-attrici Carmen Buttigieg sofrew xi danni u jsostu li jekk sofrew xi danni dan kien biss tort tal-agir tal-istess attur.

**Nuqqas ta' nteress guridiku:**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti jqajjmu n-nuqqas ta' interess guridiku ta' mart l-attur Carmen Buttigieg f'dawn il-proceduri. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha u s-sottomissonijiet tal-partijiet dwar dan il-punt tqis li din l-eccezzjoni hija palasament mhux gjusitifikata. Jirrizulta nkontestat li l-atturi huma mizzewgin u ma tressqet l-ebda prova li ma tapplikax bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti w'ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur li l-izball proceduarli kien ikun li kieku l-kawza ma gietx intavolata f'isem iz-zewg mizzewgin. In oltre, f'kaz li jirrizulta li l-attur verament sofra xi danni rizultat tal-incident in kwistjoni

dawn certament sofriethom il-komunjoni tal-akkwisti w'ghalhekk jekk dawn gew sofferti jirrizulta li jkunu gew sofferti wkoll minn mart l-attur.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

**Mertu**

Illi kif gia suespost, dan il-kaz jitratta glieda li nqalghet bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Lulju, 2018. Fortunatament ghal din il-Qorti jirrizulta mill-atti li ghal din il-glieda assistew bosta nies apparti l-partijiet involuti li bosta minnhom taw ix-xhieda taghhom fil-proceduri odjerni. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex taghmel sunt tal-partijiet rilevanti tax-xhieda tal-persuni nvoluti jew li assistew ghall-istess kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok wiehed isib il-versjoni tal-attur Frank Buttigieg. Fir-rapport li huwa ghamel immedjatament mal-pulizija wara li sehh l-incident huwa jghid kif isegwi:

*'Kien hemm Mario Buttigieg li huwa partner mieghi fil-pleasure cruises li naghmlu ghat-turisti u f'hin minnhom Mario kien qieghed jitkellem ma' xi turisti w Paul Buttigieg li jahdem fl-istess qasam pero' ma' kumpanija ohra w dahal fuqu u tah daqqa bl-ispalla. Jien ghidtlu 'Minitx taghmel sew' u fil-pront qabzu fuqi hu u Guzeppi w bdew jtuni kemm jifilhu u bl-addocc. Jiena pruvajt nilqa' kemm nista' mid-daqqiet izda f'hin minnhom Pawlu gidimni f'idi l-leminija mbaghad fil-pront*

*Guzeppi beda jtini fil-genb ta' wicci bil-ponn bic-cavetta w tajjarli sinna.'* *(ara fol. 253 u 254)*

Il-versjoni moghtija mill-attur fl-affidavit tieghu fil-kawza odjerna (fol. 22) hija konsistenti ma dak li qal lill-Pulizija kif isegwi:

*'Dak il-hin kien hemm il-kugin tieghi Edward Buttigieg magenbi fejn it-ticket booth waqt li t-tifel tieghu Mario kien qieghed faccata. Dan tal-ahhar avvicina erba' turisti sabiex fosi ibieghlhom is-servizz taghna.*

*Hekk kif beda jkellemhom Mario, rajt lil Paul Buttigieg li kien ftit il-passi 'l boghod minnu li mar jigri javvicinahom hu ukoll. Nispjega li Paul Buttigieg huwa kompetitur taghna fis-sens li jopera dghajsa bhal taghna u joffri l-istess servizzi li nofru ahna. Paul Buttigieg mar bil-girja fid-direzzjoni ta' dawn l-erba' turisti u mbotta lil Mario minn wara bi spalltu. Jien kif rajt hekk mort hdejhom ukoll u kif kont qed navvicinahom rajt lil Joe Buttigieg qed jersaq fuq il-post ukoll u jien x'hin wasalt lil Paul ghidtlu li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk. Anqas ilhaqt spiccajt nitkellem li Joe Buttigieg qabadni minn qaddi fejn imblokkali jdejja u dak il-hin stess Paul beda jxejjer daqqiet ta' ponn go wicci u gidimni f'idi l-leminija.*

*Imbuttawni ghal art fejn huma waqghu fuqi u hemm hekk komplew jaghtuni. Joe Buttigieg dak il-hin beda jaghtini bic-cavetta tawwalija. Jien pruvajt niddefendi lili nnifsi dak il-hin u provuajt nilqa' ghall-aggressjoni li sofrejn habta u sabta ghaliex kienu tnejn kontra wiehed u ma kontx qed nistenna dik it-tip ta' aggressjoni fuqi.'*

A fol. 15 sa 15 c u fol. 25 sa 27 gew esebiti ritratti tal-attur li jevidenzjaw dak li huwa sofra f'gismu waqt il-glieda fosthom grif f'wiccu, daqqiet ma widnejh, gdim u fejn jidher ukoll li tilef sinna.

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 312 et seq tal-process l-attur jibqa' jinsisti fuq il-versjoni tieghu tal-fatti filwaqt li jispjega li huwa ntervjena ghaliex iffastidja ruhu meta ra lill-konvenut Paul Buttigieg jaghti daqqa ta' spalla lil Mario Buttigieg. Huwa jixhed illi:

*'ghidtlu ghaliex qed taghmel hekk, fuq erbgha (4) minn nies . . . . Imbaghad x'hin ghidtlu hekk Joe Buttigieg qabadli jdejja, u Paul beda jxarrabli bil-ponn.'*

Jichad li huwa kellu xi hin idejh imdawwra ma' ghonq il-konvenut Paul Buttigieg filwaqt li jiddeskrivi l-gidma li saret lilu mill-konvenut Paul Buttigiegi kf isegwi:

*'Hu qabadieli, u gidimhieli. Qabadli jdejja u gidimha.'* (fol. 321)

2. Mario Buttigieg li jissemma' mill-attur fil-versjoni moghtija lill-Pulizija wkoll ta l-versjoni tieghu lill-Pulizija kif isegwi:

*'Kont qieghed inkellem lit-Turisti w gie Paul Buttigieg u taghni daqqa ta' spalla u f'daqqa wahda gidimli jdejja w gie Guzeppi w dar ghal Frankie w beda jtih kemm jiflah.' (fol 254)*

Fl-affidavit tieghu a fol. 30 et seq tal-process jiddeskrivi l-incident kif ghexu hu kif isegwi:

*'Jien mort navvicina erba' turisti li kienu gejjin fid-direzzjoni tieghi u sadanittant minn taht l-ghajn, ilmaht lil Paul Buttigieg gej jigri minn warajja biex jaqbizni sabiex jivvicina l-istess erba' turisti qabli. Nghid illi Paul Buttigieg huwa kompetitur taghna fis-sens illi huwa operator ta' dghajsa kummercjali ohra, li ggib isem ta' 'Bella'. Huwa gie magenbi u tani daqqa bi spalltu biex iwarrabni sabiex jipprova jbiegh xi servizz lill-istess erba' turisti. Fl-istess hin rajt lil Frank Buttigieg jigri lejja. Frank Buttigieg talab lil Paul Buttigieg sabiex jitlaq minn hdejna. Fl-istess hin gie Joe Buttigieg minn wara Frank, u dan Joe zamm lil Frank Buttigieg minn qaddu minn naha ta' quddiem u Paul Buttigieg beda jaghti lil Frank daqqiet bil-ponn. Paul Buttigieg gidem lil Frank Buttigieg f'idu l-leminija. It-tlieta li huma spiccaw fl-art u f'dak il-mument rajt lil Joe Buttigieg jaghti daqqiet ta' cavetta f'wicc Frank Buttigieg. X'hin Joe Buttigieg qam mill-art kien ghadu bic-cavetta f'idu kollha mcappsa bid-demm. Dan kollu sehh f'hin qasir hafna u sehh kollox quddiem ghajnejja.'*

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 212 et seq jixhed fost ohrajn:

*'Jiena niftakar lil Joe Buttigieg izomm lil Frank Buttigieg, dik l-iktar xena li baqghet kerha go mohhi . . . u Paul Buttigieg jaghtieh bil-ponn go wiccu, dik li niftakar l-iktar.'*

Mistoqsi jekk Joseph Buttigeg setax kien qed jifridhom flok izommu biex l-iehor itih jghid li ma jafx x'kienet l-intenzjoni f'mohh Joseph Buttigieg.

Jixhed ukoll li daqqiet ta' ponn da parti tal-konvenuti huwa ra aktar minn wahda. A fol. 222 jikkonferma li l-konvenut Joseph Buttigieg waqt il-glieda kellu cavetta f'idu.

3. Ghall-incident *de quo* assistew zewg spetturi tat-Transport Malta Ivan Cassar u Sandro Portelli li fil-versjoni li taw lill-pulizija t-tnejn qalu:

*'Rajnihom ghoqda ma' xulxin u t-tnejn jaghtu.'* (fol. 254)

Ivan Cassar xehed ukoll f'dawn il-proceduri a fol. 62 et seq u kontro-ezami a fol. 146 et seq. F'partijiet mix-xhieda tieghu huwa jiddeskrivi dak li ra kif isegwi:

'***Ix-Xhud:*** *Hemm, f'kemm ilni ngħidlek, f'ħin qasir, ġew fl-idejn, Paul xejjer daqqa ta' ponn lil Frank..*

***Il-Qorti:*** *X'għamel Frank, mad-daqqa?*

***Ix-Xhud:*** *Irritalja, ovvja, hu. Irritalja u ġew f'xulxin, waqgħu mal-art..*

*(...)*

***Il-Qorti:*** *Min waqa' l-ewwel?*

***Ix-Xhud:*** *Frank.*

***Il-Qorti:*** *U għalxiex waqa'?*

***Ix-Xhud:*** *Bid-daqqa li qala'.*

***Il-Qorti:*** *Bid-daqqa ta' ponn f'wiċċu?*

***Ix-Xhud:*** *Bid-daqqa.'*

Sandro Portelli wkoll ufficjal ta' Transport Malta, xehed a fol. 52 et seq fost ohrajn kif isegwi:

*'Dawn habbtu ghal xulxin, Frank u Pawlu, bdew jahbtu sider ma' sider, f'daqqa u l-hin, Pawlu ta daqqa ta' ponn lil Frank, Frank intefa mal-art, jiena u siehbi tlaqna nigru biex inferquhom. Sadanittant indahal wiehed, Joseph, u beda jaghti lil Frank minn taht, x'hin kien mal-art. Jiena qbadt lil Pawlu minn wara, Pawl ma kkonoxxiex li kien hemm jiena biex inferqu, u pprova jigdem lili. Gara li jien nehhejt idejja, u ghamilt ir-rezistenza biex naqilghu. U minn hawn u minn hemm, qlajtu. Pero', jiena, x'hin qlajtu, rajt idejn Frankie go halq Pawlu, migduma, u nqalet minn hemm, U riedu jkomplu jaghmlu rezistenza u qbadt* u *ghamilt ir-resiztenza maghhom jiena, u minn hawn u minn hemm, waqqafthom. Naf li ntlejt tilja demm ta' Frankie.'*

Fix-xhieda tieghu jkomplu jispjega kif l-ewwel daqqa ta' ponn taha l-konvenut Paul Buttigieg lill-attur u jaghti aktar dettalji ta' dak li ra hu mill-glieda. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 155 et seq tal-process jibqa' jemfasizza li l-attur kien qed jiddefendi ruhu mill-attakk tal-konvenut Paul Buttigieg u mhux bil-kontra:

***'Il-Qorti:*** *U min ta' d-daqqa ta' ponn lil min?*
***Ix-Xhud:*** *Pawlu lil Frankie.*
***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *Issa, għidtilna wkoll, li dan intefa' ma' l-art, Frank Buttigieg?*
***Ix-Xhud:*** *Iva.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *Intefa mal-art, kif, imma? Jiġifieri, minn ħabba x'hiex?*

***Ix-Xhud:*** *Bid-daqqa, hux.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *Bid-daqqa. U tista' tgħidilna fejn laqthu?*

***Ix-Xhud:*** *Ġo wiċċu.'*

Rigward il-gidma jixehed kif isegwi:

***'L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *Pawlu Buttigieg. Tgħidilna liema id, waħda minnhom, jekk jgħoġbok?*

***Ix-Xhud:*** *Il-leminija.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *U għidilna fejn?*

***Ix-Xhud:*** *Hawn taħt, x'imkien hawn taħt.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *Jiġifieri allura bejn l-elbow u l-minkeb. Gidmu hemm hekk, taħt il-x'jismu?*

***Ix-Xhud:*** *Iva.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *U barra l-gidma f'idu, kellhu xi affarijiet oħra, Frank?*

***Ix-Xhud:*** *Naf li kellhu ħafna demm, imma ma nafx jekk kellhux xi daqqiet oħra jew hekk.*

***L-Avukat Dr Carmelo Galea:*** *U dan Joseph Buttigieg, imbagħad, minn fejn inqala, allura?*

***Ix-Xhud:*** *Ma nafx. Sakemm konna qegħdin niġru, laħaq ġera qabilna hu.*

*Il-kontroeżami dan ix-xhud ukoll spjega kif Frank Buttiġieġ kien prova jiddefendi lilu innifsu wara li kien safa aggredit:*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Mela, id-domanda hija din : lil Frank, jiġifieri qed tgħidilna li tiftakar li dawwar idu ma' għonq Paul?*

***Ix-Xhud:*** *S'intendi hu, irid jagħmel self defence, hu!*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Issa dik nargumentaw, m'intix l-avukat ta' Frank u l-anqas ta'...*

***Il-Qorti:*** *Imma qed jixhidlek x'ra!*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Iva, imma...*

***Il-Qorti:*** *Għalih kienet self defence. Jekk mhux qed jirrispondik kif tixtiequ int, ma jfissirx li qed jgħid ħażin!*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Le, jiġifieri d-domanda, għax sieħbek qal li ma rahiex din, inti rajt li Frank idawwar idu ma' Paul?*

***Ix-Xhud:*** *Nerġa ngħidlek li kienet self defence.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Pero rajtha, iva jew le? Dik id-domanda.*

***Ix-Xhud:*** *Mhux hekk! Irid jilqa d-daqqiet ukoll hu!*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Rajtha iva jew le?*

***Il-Qorti:*** *Raħ jilqa d-daqqiet qallek.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja****: Iva?*

***Ix-Xhud:*** *Jilqa d-daqqiet kien.*

*(...)*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Jiġifieri qed tgħidli Paul niżel mal-art biex jigdmu?*

***Ix-Xhud:*** *Iva.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *All right. Issa, lil Joseph Buttigieg, x'sehem kellu fil-ġlieda, fit-taqbida?*

***Ix-Xhud:*** *Joseph Buttigieg kellhu s-sehem meta Paul u Frank kienu qed jitqatlu mal-art u daħal x'jismu, Joseph.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *All right. X'wassal biex Paul u Frank waqgħu mal-art?*

***Ix-Xhud:*** *X'wassal biex Paul u Frank waqgħu mal-art...*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *Milli stajt tara inti?*

***Ix-Xhud:*** *Bid-daqqa li taħ Paul, hu waqa mal-art u tfixkel ukoll hu!*

*(...)*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja:*** *All right, issa, inti lil Joseph rajthu jipprova jferraqhom lil Paul u lil Frank?*

***Ix-Xhud:*** *Le.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja***: *X'rajthu jagħmel?*

***Ix-Xhud:*** *Ixejjer id-daqqiet.*

***L-Avukat Dr Carlos Bugeja***: *F'liema naħa u fejn u lil min?*

***Ix-Xhud:*** *Fil-wiċċ ta' Frankie.'*

Fil-fatt mistoqsi mill-avukati *'tiftakar lil Frank idawwar idu ma Paul?'* huwa jirrispondi li *'Kien Paul li ta daqqa l-ewwel darba . . . Frank ma refghax idejh 'X'hin tah id-daqqa ta' pom imbaghad ghamel self defence . . . jilqa' d-daqqiet kien'.* Jinsisti li huwa ma rax lil Frankie Buttigieg (l-attur) idawwar idu ma' ghonq Paul ghalkemm gie mistoqsi diversi drabi dwar din il-kwisjtoni. Isostni li l-attur ma lahhaqx mal-konvenut Paul Buttigieg. Fil-fatt a fol. 159 jghid li *'Frank kien qieghed mal-art, u Paul kien qieghed jigdmu.'* Jinsisti li *'Paul kien ha jigdem lili. U ma tghajtux ic-cans, voldieri, ghax kien iwegga' lili wkoll.'* Jemfasizza a fol. 160 li Paul Buttigieg *'ipprova jigdem lili u rega' mar jigdem lil Frank.'*

Dwar il-konvenut Joseph Buttigieg mistoqsi diversi drabi jekk rahx iferraq lill-partijiet l-ohra huwa jirrispondi car u tond (fol. 162) li rah *'ixejjer id-daqqiet. . . fil-wicc ta' Frankie'* u mhux iferraqhom.

4. Ghall-istess incident assista wkoll missier Mario Buttigieg kif imsemmi mill-attur u cioe' Edward Buttigieg li xehed permezz ta' affidavit a fol. 32 et seq tal-process:

*'Jiena rajt lil Paul Buttigieg jghaddi minn magenb it-tifel tieghi u tah daqqa bi spaltu biex iwarrbu sabiex jipprova jbiegh xi servizz lill-istess erba' turisti. Fl-istess hin rajt lil Frank Buttigieg jigri lejn it-tifel tieghi sabiex jaqbez ghalih. Frank Buttigieg talab lil Paul Buttigieg sabiex jitlaq minn hdejna. Fl-istess hin gie Joe Buttigieg minn wara Frank, u dan Joe zamm lil Frank Buttigieg minn qaddu u Paul Buttigieg beda jaghti daqqiet bil-ponn lil Frank u sahansitra rajt lil l-istess Paul Buttigieg jigdem lil Frank Buttigieg f'idu l-leminija. Inzid nghid ukoll li fil-kommossjoni li nholqot it-tlieta li huma spiccaw fl-art u jien dak il-hin rajt lil Joe Buttigieg jaghti daqqiet ta' cavetta f'wicc Frank Buttigieg. Nghid ukoll illi x'hin Joe Buttigieg qam mill-art kien ghadu jzomm ic-cavetta f'idu u li kien qieghed izomm bejn is-swaba t'idejh kienet cavetta ta' vettura ghaliex kienet tawwalija. Nghid li dan kollu sehh fi spazju ta' ftit sekondi u sehh kollox quddiem ghajnejja.'*

A fol. 202 et seq sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud fejn a fol. 207 huwa jinsisti li fl-ebda hin ma ra id l-attur imdawwra ma' ghonq il-konvenut Paul Buttigieg kif suggerit lilu mill-Avukati tal-konvenuti.

5. Fil-versjoni tal-konvenut Paul Buttigieg moghtija lill-Pulzija aktar tard mill-attur izda fl-istess gurnata tal-incident huwa qal kif isegwi:

*'Jiena kont qieghed fejn id-dghajsa tieghi u gew erbgha turisti fuqi u resqu l-kompetituri l-ohra fejni, Mario Buttigieg, Joseph Buttigieg u Frankie Buttigieg u bdew jghidu lit-turisti 'fake ticket' u t-turisti tgerrxu u telqu w fil-pront Frankie xejjirli daqqa ta' ponn u jien ddefendejt ruhi pero' peress li huma kienu tlieta, Joseph u Mario bdew jtuni bis-sieq u tefewni ma l-art. Dak il-hin jiena bdew niddefendi kif nista'. Guzeppi li nzerta fejni beda jifridna w fil-pront gew tat-Transport Malta u firduna.'* (fol. 254)

Anki fl-affidavit tieghu a fol. 120 et seq tal-process il-konvenut Paul Buttigieg jaghti versjoni ferm differenti tal-incident minn kif jaghtuha x-xhieda kollha l-ohra gia kwotati aktar 'il fuq. Fil-fatt fl-affidavit tieghu jixhed kif isegwi:

*'Rajna erbgha li kienu jdhru turisti hergin mit-terminal tal-vapur ta' Ghawdex u jiena ndunajt, jew hsibt li riedu jmorru Kemmuna. Ersaqt lejhom biex noffrilhom is-servizz taghna fl-istess hin li mar fuqhom Mario Buttigieg li jahdem ma' Frank Buttigieg. Jiena tajthom brochure taghna u donnhom kienu nteressati jigu maghna, tant li dawn bdew mexjin mieghi lejn id-dghajsa taghna. Mario Buttigieg naturalment ried li jmorru mieghu u x'hin kont miexi maghhom lejn id-dghajsa taghna b'dahri lejn Mario hu tani daqqa ta' sieq wara fuq saqajja.*

*Jiena dort fuqu u ghidtlu ghalfejn kien ghamilli hekk. Inqala' argument bejnietna u kkonfrontajna lil xulxin minghajr ma sar xi glied jew intuzat xi vjolenza la minnu u lanqas minni. Fil-pront gie Frank Buttigieg li jahdem mieghu Mario u li kien qed josserva kollox minn fejn kien ftit 'il boghod minna. Dan qabadni minn ghonqi billi dawwar idejh m'ghonqi u beda jippressa b'mod li jien hassejtni se nifga. Ma*

*riedx jitlaqni u biex inehhi jdejh minn madwar ghonqi jien gdimtlu idu l-leminija li kienet imdawwra m'ghonqi. Minn naha tieghu ha gidimni wkoll f'idejja l-leminija. Ghad ghandi l-marka tal-gidma tieghu.*

*Wara dan, jiena u Frank waqajna fl-art it-tnejn fuq il-bankina avolja gie Joseph Buttigieg jipprova jifridna. Frank kien ghad ghandu jdejh imdawwra m'ghonqi ghalkemm kien naqqas il-pressjoni. Spiccajna nfridna bl-ghajnuna ta' wiehed mill-ufficjali ta' Trasnport Malta li naf li jismu Sandro ghax kont nafu u mhux darba jew tnejn konna nitkellmu. Il-bankina li waqajna fuqha hi tas-siment u qeghdha faccata tat-terminal. Naf li meta qomna mill-art rajt xi demm mal-hwejjeg ta' Frank Buttigieg u rajt ukoll idejja bid-demm li kien gej mill-gdima li ghamilli Frank.'*

Il-Qorti tinnota li bejn il-versjoni moghtija lill-pulizija u dik moghtija lil din il-Qorti din tvarja fis-sens li fejn lill-pulizija huwa qalilhom li lilu tawh xebgha l-attur, Mario Buttigieg u huh Joseph Buttigieg dwar dan fl-affidavit tieghu fil-kawza odjerna ma jsemmi xejn u jillimita ruhu ghall-attur. In oltre filwaqt li fl-affidavit fil-kaz odjern isostni li l-attur gidmu, dan il-fattur daqstant ta' rilevanza ma ssemma bl-ebda mod mal-pulizija *a tempo vergine.*

6. Il-konvenut l-iehor Joseph Buttigieg ma jirrizultax li ta l-versjoni tieghu lill-Pulizija dakinhar tal-incident. Fl-atti odjerni huwa ghamel affidavit a fol. 122 fejn jiddeskrivi l-incident kif isegwi:

*'Fit-3 ta' Lulju tas-sena l-ohra, xi l-4.30p.m., rajna gejjin mit-terminal tal-vapur t'Ghawdex, erbgha minn nies li kienu jidhru li huma turisti u Paul mar fuqhom*

*biex joffrilhom juzaw is-servizz taghna ghal Kemmuna. F'hin minnhom mar fuqhom ukoll Mario Buttigieg biex joffrilhom imorru mieghu u ma' Frank. Rajt lil Paul ikellimhom, tant li t-turisti bdew mexjin ma' Paul lejn id-dghajsa taghna. X'hin ra hekk, Mario ta daqqa ta' sieq lil Paul minn wara. Paul waqaf u dar lejn Mario u staqsieh ghalfejn kien tah dik id-daqqa ta' sieq. Inholoq argument bejniehtom bil-kliem u fil-pront, mar jigri lejhom biex jindahal Frank Buttigieg, li sa qabel kien qed josserva l-affarijiet minn xi hamsin metru boghod. Jiena kont qed nara ukoll x'qed jigri minn fejn id-dghajsa tieghi, xi ghoxrin metru minn fejn kienu Paul u Mario jargumentaw. Jiena ma rajtx lil Paul jaghti xi daqqiet lil Frank Buttigieg imma rajthom jargumentaw bi Frank jaqbad lil Paul minn ghonqu billi dawwar idejh il-leminija m'ghonq Paul u deher qed juza certu forza. Jiena ma stajtx nara jekk Paul gidimx lil Frank ghax dak li kont qed nara kien in-naha ta' barra ta' jdejn Frank imdawwra m'ghonq Paul.*

*Dak il-hin jiena mort biex nipprova nifridhom minn xulxin imma ma rnexxilix ghaliex it-tnejn huma ta' statura akbar minni. Kif kienu mqabbdin ma' xulxin kif spjegajt, gie wiehed ta' Transport Malta, li naf li jismu Sandro, u pprova jghini nifridhom. Huma baqghu mqabbdin ma' xulxin u waqghu fl-art u gew fuq ix-xifer tal-bankina u tgerrbu fuq is-siment tal-istess bankina. Bl-ghajnuna ta' Sandro irnexxilena nifirduhom minn xulxin u x'hin qamu jiena rajt lil Frank Buttigieg bid-demm f'wiccu u lil Paul b'gidma f'idejh il-leminija ghaliex qalli u wrihieli dak il-hin hu stess.'*

Il-Qorti tinnota li anki l-versjoni tal-konvenut Joseph Buttigieg ma taqbel xejn mal-versjoni originali moghtija minn Paul Buttigieg lill-Pulizija dakinhar tal-incident.

Apparti s-suespost il-Qorti rat u semghet ix-xhieda kollha prodotti fl-atti inkluz il-versjonijiet moghtija fl-atti tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi mis-suespost, huwa evidenti li l-versjoni moghtija mill-attur Frank Buttigieg u dawk moghtija mill-konvenut Paul u Joseph Buttigieg huma pjuttost konfliggenti fejn min-naha l-wahda l-attur isostni li huwa gie aggredit u kellu jiddefendi ruhu filwaqt li l-konvenuti jsostnu li kien l-attur li agredixxa u li Paul Buttigieg iddefenda ruhu filwaqt li l-konvenut Joseph Buttigieg indahal biss biex jifred. Huwa evidenti lil din il-Qorti li xi hadd mill-partijiet f'dawn il-proceduri mhux qed jghid il-verita' dwar x'sehh dakinhar tal-incident in kwistjoni. Fortunatament izda ghal din il-Qorti, jirrizulta kif gia accennat aktar 'il fuq, li ghal dan l-incident assistew mill-anqas erba' xhieda ohra fosthom zewg xhieda kompletament estranei mill-partijiet u cioe' l-haddiema ta' Transport Malta hawn fuq ikkwotati. Din il-Qorti rat illi l-versjoni tal-attur hija korroborata sew mix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni terzi li nzertaw kienu fuq il-post dak il-hin li sehh l-incident. Huma jikkonfermaw li l-attur kellu jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta' Paul Buttigieg u ta' Joseph Buttigieg u bl-ebda mod ma jikkorroboraw il-versjoni moghtija mill-konvenuti. Apparti minn dawn iz-zewg xhieda l-versjoni tal-attur hija korroborata wkoll mix-xhieda ta' Mario Buttigieg u missieru Edward Buttigieg. B'mod partikolari dawn ix-xhieda jikkonfermaw li huma raw anki lil Joseph Buttigieg jaggredixxi lill-attur permezz anki ta' cavetta li biha qataghlu wiccu kif jidher fir-ritratt esebit a

fol. 15. Din il-Qorti rat li l-konvenuti ppruvaw iressqu l-versjoni li t-ticrita li tidher f'wicc l-attur fuq dan ir-ritratt kienet rizultat li wiccu nbarax mal-bankina, izda meta wiehed ihares lejn dan ir-ritratt facilment jiskarta din il-versjoni stante li huwa evidenti li t-ticrita saret b'xi haga bil-ponta u mhux ghaliex semplicement il-wicc inbarax mal-bankina. Tant hu hekk li t-ticrita tidher li saret f'aktar minn daqqa wahda u f'direzzjonijiet diversi (partikolarment il-Qorti tinnota dik il-parti fejn it-ticrita tigi f'forma ta' salib), girfa minn waqgha zgur li ma tkunx kif tidher f'dan ir-ritratt.

Illi in vista tal-provi kollha prodotti, tal-kontradizzjonijiet fil-versjonijiet tal-istess konvenuti u ta' dak suespost din il-Qorti tqis li l-versjoni veritiera ta' l-incident inghatat mill-attur u x-xhieda mressqa minnu u mhux mill-konvenuti. Il-Qorti zzid tghid li ghalkemm il-konvenuti ppruvaw idawruha li kienu l-attur u jew Mario Buttigieg li ppruvaw johdulhom il-klijenti w'ghalhekk inqala' l-incident, anki jekk *dato ma non concesso* seta' kien hekk, dan bl-ebda mod ma kien jaghti d-dritt lill-konvenuti li jaggredixxu lill-attur u jgibuh fl-istat li gabuh. Ghalhekk il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur rizultanti minn dan l-incident.

Illi fl-atti jirrizulta wkoll li l-konvenuti jippruvaw ifarfru r-responsabbilta' minn fuqhom ghal dik li hija l-gidma li l-konvenut Paul Buttigieg ghamel fuq il-persuna tal-attur billi jressqu provi u opinjonijiet li originarjament meta l-attur mar ghall-kura wara l-incident, it-ticrita mill-gidma tal-konvenut Paul Buttigieg ma kellhomx isiru punti fiha b'rizultat li din spiccat infettat ruhha u rrendiet il-kundizzjoni tal-attur aghar milli

originarjament kienet. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dan l-argument imqajjem mill-konvenuti semplicement ghaliex li kieku l-konvenuti ma qalghux il-glieda u li kieku l-konvenut Paul Buttigieg ma gidimx lill-attur, allura l-attur qatt ma kien ikollu l-bzonn li jfittex l-assistenza medika sabiex jikkura l-gidma. Minghajr il-gidma ma kienx ikun hemm l-infezzjoni, il-gidma kienet il-bidu ta' kollox, w'ghalhekk ghandhom ukoll jaghmlu tajjeb ghaliha. Din il-Qorti wkoll tqis li r-responsabbilta' tal-incident hija wahda solidali u kongunta bejn il-konvenuti stante li rrizulta car li ghalkemm seta' kien il-konvenut Paul Buttigieg li originarjament beda l-argument, il-konvenut l-iehor Joseph Buttigieg ma hasibhiex darbtejn sabiex jindahal hu wkoll fil-glieda u minn fuq izomm lill-attur sabiex il-konvenut l-iehor Paul Buttigieg ikun aktar komdu jaghtih bil-ponn u jigdmu filwaqt li l-istess Joseph Buttigieg kien qed jattakka lil Frank Buttigieg b'xi haga bil-ponta li girfitu kif jidher fir-ritratti u hallietlu marki permanenti. Id-daqqiet ta' ponn ukoll wasslu sabiex l-attur tilef sinna fuq quddiem ta' halqu.

**Likwidazzjoni tad-danni sofferti:**

**Damnum Emergens**

Illi mill-atti jirrizulta li bhala danni emergenti l-attur qed jippretendi li jithallas lura l-ispiza li ghamel sabiex giet ikkurata s-sinna li tkissritlu fil-glieda u tpoggiet ohra flokha. A fol. 28 giet prezentata ricevuta ta' spisa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) li thallsu sabiex sar l-intervent mid-dentist Dr. Kevin Louis Galea. L-istess Dr. Galea xehed permezz ta' affidavit (fol.

29) u kontro-ezami (fol. 141) fl-atti fejn apparti li kkonferma l-intervent u l-ispiza kkonferma wkoll li qabel l-incident is-sinna in kwistjoni kienet *'a healthy tooth'* u li kien jidher li din inkisret rizultat ta' *'a blunt traumatic incident'*. Il-Qorti tqis li din l-ispiza bhala rizultat tal-agressjoni giet sufficjentement pruvata mill-attur w'ghalhekk ser tordna li din ghandha tithallas mill-konvenuti.

Illi l-attur jippretendi wkoll li huwa jithallas somma tal-qliegh mix-xoghol li skont hu tilef rizultat li huwa ghamel granet l-isptar u ma setax ihaddem id-dghajsa tieghu. Jirrizulta mill-atti li verament l-attur ghamel mal-hdax-il gurnata ma jhaddimx id-dghajsa tieghu stante li spicca l-isptar rizultat tal-infezzjoni li kellu f'idejh il-leminija fejn din giet migduma mill-konvenut Paul Buttigieg. Pero' jirrizulta wkoll fl-atti li anki dak iz-zmien kien hemm ftehim bejn il-persuni li kienu joffru s-servizz ta' garr ta' passiggieri ghal Kemmuna li jigbru l-qliegh taghhom flimkien u jaqsmu l-introjtu. Sa dakinhar tal-incident jirrizulta li dan il-ftehim ma kienx mal-konvenuti izda kien jinvolvi zgur lill-attur, martu, lil Mario Buttigieg u lil huh Joseph Buttigieg li xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Fl-atti jirrizulta li dwar dan il-punt l-attur u x-xhieda ma jaqblux dwar jekk l-attur inghatax xorta wahda sehmu ghalkemm ma kienx qed jidhol ghax-xoghol fejn l-attur u martu jsostnu li ma rcevew xejn izda Edward Buttigieg (li jigi missier Mario u Joseph Buttigieg) u Joseph Buttigieg (fol. 164) li xehed f'dawn il-proceduri dwar dan il-punt isostnu li mart l-attur thallset f'dawk il-jiem li l-attur kien nieqes. Jirrizulta fil-fatt inkontestat li f'dawk il-jiem li l-attur kien nieqes martu Carmen Buttigieg (ara x-xhieda taghha a fol. 355 et seq) kienet xorta wahda qed tinzel tghinhom ibieghu l-biljetti kif kienet ilha taghmel ghall-

perjodu ta' sentejn. Din il-Qorti ssibha ghalhekk difficli li temmen li mart l-attur kienet qed tinzel tahdem ghal xejn b'xejn u li l-attur ma rcieva l-ebda hlas fil-jiem li huwa ma kienx qed jidhol xoghol ghaliex kien l-isptar. Anzi pjuttost temmen li l-attrici baqghet tinzel tbiegh il-biljetti appuntu sabiex tkun certa li huma xorta wahda jiehdu s-sehem taghhom nonostante li zewgha Frank kien bis-sick kif jiddeskrivi u jispjega x-xhud Edward Buttigieg fil-kontro-ezami tieghu. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx li gie sufficjentement pruvat lilha li l-atturi ghamlu xi telf finanzjarju rizultat ta' dawk il-jiem li l-attur ma setax imur ghax-xoghol.

Ghalhekk jirrizulta pruvat lil din il-Qorti **damnum emergens** soffert mill-atturi fis-somma ta' seba' mija u hamsin Euro (€750).

**Lucrum Cessans**

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[1] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[2] inghad kif isegwi:

"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u

[1] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.
[2] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[3] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'

filwaqt li fil-kawza **Emanuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'

u li

'dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-

[3] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.

pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'. [4]

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[5]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[6]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta'

---

[4] 13 ta' Mejju 2003.
[5] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

[6] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gjust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[7]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.[8]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejjha *chances and changes of life*:

'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'[9]

---

[7] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.
[8] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.
[9] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.

Fil-principju izda:

"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".[10]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[11] inghad illi:

'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':

'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

[10] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

[11] Appell 26 ta' Lulju 1991.

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[12] inghad illi:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli mprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni'.

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kaz odjern id-dizabilita' permanenti sofferta mill-attur giet konfermata mill-espert mediku originarjament nominat Mr. Raymond Debono fejn a fol. 137 et seq tal-process jinsab ir-rapport tieghu u jikkonkludi kif isegwi:

*'Mr. Buttigieg is currently suffering from the following problems after an alleged assault:*

[12] 11 ta' Lulju 1989.

1. *Permanent scarring to the left cheek,*
2. *Permanent scarring to the right forearm,*
3. *Chronic pain, paraesthesias and cramp after moderate exertion to the right forearm,*
4. *Significantly reduced grip strength to the right hand and clumsiness (drops things) of the right hand.*

*The scards are permanent and their quality will not improve further.*

*The grip strength is most likely secondary to permanent muscle damage.*

*In my opinion from the Plastic Surgery and Hand Surgery point of view Mr. Buttigieg is suffering from a 10% permanent disability.*
*He would aslo require to be assessed by a psychiatrist with respect to the post traumatic stress disorder as its effects can have a permanent element.'*

Rigward id-dizabilita' permenenti fl-id l-espert mediku jirrelata wkoll kif isegwi:

*'Motor nerve function examination revealed that the radial nerve, median nerve and ulnar nerve were all functioning however there was a significant weakness of grip in the right hand as compared with the left hand. This was measured using a sphygmomanometer. The power of the right hand grip was 40% less than the power of the left hand grip and this was consistent on repeat testing (3 times.)'* (ara fol. 138)

Fuq talba tal-konvenuti gew nominati wkoll esperti medici addizzjonali li a fol. 346 et seq tal-process fir-rapport taghhom jaslu ghall-konkluzjoni segwenti:

*'Is-Sur Frank Buttigieg garrab hsara fi drighu l-lemini. Hu lemini. B'xorti hazina, dil-hsara zdiedet minhabba l-infezzjoni li zviluppat go fiha. . . . minhabba din l-infezjoni qawwija, il-ferita fieqet b'aktar 'scar tissue' mill-mistenni. Ghalhekk il-muskoli ta' qrib dil-ferita ma jistghux jahdmu ghal kollox normali. Dan jinhass fin-nuqqas ta' sahha li s-Sur Buttigieg qed jilmenta minnu. . . .*

*. . . .Ic-cikatrici fuq wiccu, ghalkemm mhix prominenti hafna, hemm qeghdha, u tidher jekk thares lejn wiccu minn naha tax-xellug.*

*Dwar is-smiegh minn l-leminija u l-problema tas-sinna miksura, m'ahniex f'qaghda li nikkumentaw.'*

*DISABILITA:* *Wicc 2%*
*Driegh – 1% (scar)*
*2% (nuqqas ta' sahha)*
*Total: 5%'*

Fir-rigward tan-nuqqas ta' sahha fl-id mid-domandi in eskussjoni jirrizulta lil din il-Qorti li filwaqt li l-espert mediku Mr. Raymond Debono kellu l-facilita' li jaghmel it-testijiet tad-driegh permezz ta' *sphygmomanometer,* l-esperti addizzjonali ma kellhomx din il-facilita'.

Konsegwenza ta′ hekk l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu jargumenta allura li l-kalkolu tal-ewwel espert mediku huwa aktar korrett minn dak tal-esperti addizzjonali b′dana li jqis li din il-Qorti ghandha tapplika dizabilita′ permanenti ta′ 10% moghtija mill-ewwel espert u mhux il-persentagg ta′ hamsa fil-mija (5%) dikjarat mill-esperti addizzjonali. Din il-Qorti taqbel illi la darba jirrizulta li l-ewwel espert mediku kellu apparat aktar akkurat intiz li appuntu jikkalkula n-nuqqas ta′ sahha fid-driegh isegwi li minn dan il-lat ghandha taghti aktar sahha u valur probatorju lill-ewwel rapport izda ma tqisx izda li ghandha tapplika l-persentagg shih. Dan qed jinghad stante li l-persentagg ta′ 10% moghti mill-ewwel espert ma japplikax biss ghad-driegh izda japplika wkoll ghad-dizabilitajiet l-ohra ndikati fir-rapport. Ghal dan il-ghan il-Qorti f′dan il-kaz partikolari taghzel li tapplika l-poter li taghtiha l-ligi w′ghalhekk ser tapplika *abitrio boni viri* persentagg ta′ dizabilita′ permanenti ta′ 8% li huwa ftit aktar min-nofs triq bejn il-konkluzjoni tal-ewwel espert u l-konkluzjoni tal-esperti addizzjonali u dan sabiex tikkumpensa ghall-fatt li l-esperti addizzjonali ma setghux jikkalkulaw bl-ahjar teknologija n-nuqqas ta′ sahha fid-driegh filwaqt li l-ewwel espert ghamel dan.

Illi dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[13] gie deciz hekk:

'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-*lump sum payment*' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-

[13] Prim′Awla, 5 ta′ Ottubru 1995.

prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[14]:

'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'

Illi ghal dik li huwa ntrojtu tal-attur jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita a fol. 73 et seq tal-process illi skont id-dikjarazzjoni tat-taxxa l-attur kellu qliegh nett ta' €8,908 fis-sena 2013, filwaqt li fis-sena 2014 kellu qliegh nett ta' €8,247 salv it-taxxa minima li thallset fuq dawn is-sommom. Dwar il-qliegh tas-sena 2015 u cioe' s-sena li sehh l-incident l-attur ghalkemm ipprezenta xi dokumentazzjoni jsostni li l-awditur ma lahaqx lestielu d-dikjarazzjoni tat-taxxa w'ghalhekk fin-nota ta' sottomissjoni tieghu jinsisti li din il-Qorti ghandha tikkalkula d-danni abbazi tal-paga

[14] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

minima kif dikjarata fil-Ligi Suddidjarja 452.71 cioe' dik ta' €166.25 fil-gimgha ekwivalenti ghal €8,645.52. Stante li dan l-ammont huwa vicin hafna dak dikjarat mill-istess atturi fis-snin precedenti l-Qorti taqbel ma' din is-sottomisjoni w'ghalhekk ser taghmel il-kalkolu taghha abbazi tal-paga minima applikabbli fis-sena 2015.

Ghal dak li huma *chances and changes* of life din il-Qorti tqis li persentagg ta' 10% ikun idoneu u gust anki in vista tal-eta' tal-attur.

Illi dwar is-snin ta' aspettattiva lavorattiva u in linja mal-gurisprudenza aktar recenti tal-Qrati kif hawn fuq kwotati dwar il-*multipier*, il-Qorti tqis li jkun ekwu u gust (kif fuq kollox dejjem u konsistentement ghamlet din il-Qorti fid-decizjonijiet precedenti taghha) li tuza n-numru ta' snin li l-attur kien baqalu ghall-eta' pensjonabbli mid-data tal-incident. Stante li dakinhar tal-incident l-attur kellu l-eta' ta' 41 sena (65-41) allura ser tapplika *multiplier* ta' 24.

Dwar it-tnaqqis rizultat tal-*lump-sum payment* jirrizulta li l-attur fetah il-kawza madwar tliet gimghat wara l-incident u din ser tinqata' ftit aktar minn tliet snin wara. Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi allura u in linja mal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata li tnaqqis ta' persentagg ta' *lump sum* ta' 14% jkun wiehed gust u ekwu.

**Ghaldaqstant il-kalkolu ta' Lucrum Cessans dovut lill-attur jigi kif isegwi:**

**€8,645.52 x 24 x 8% + 10% - 14%: Total dovut lucrum cessans ammontanti ghal hmistax-il elf, seba' mija u hames Euro (€15,705).**

Total ta' danni sofferti: sittax-il elf, erba' mija u hamsa u hamsin Euro (€16,455).

Decizjoni

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kollha taghha kontra taghhom;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti stante li nfondati;

3. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-intimati Paul u Joseph Buttigieg huma flimkien u solidalment bejniethom responsabbli ghar-rizarciment favur l-atturi tad-danni kollha li huma sofrew per konsegwenza tal-aggressjoni ngusta u minghajr raguni valida li huma wettqu ghad-dannu ta' Frank Buttigieg fit-3 ta' Lulju 2015 fl-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex;

4. Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-istess incident billi tiddikjara li jikkonsistu f'ammont ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) bhala danni emergenti u fl-

**ammont ta' hmistax-il elf, seba' mija u hames Euro (€15,705) f'danni lukri cessanti;**

**5. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenuti flimkien u b'mod solidali bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' sittax-il elf, erba' mija u hamsa u hamsin Euro (€16,455) rapprezentanti d-danni kif hekk likwidati minn din il-Qorti.**

**Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**